**Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2006**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

I. Rikors ġuramentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (flimkien mal-lista tax-xhieda) li permezz tiegħu il-klijent tiegħek (l-attur) jitlob mingħand il-konvenut il-ħlas għal servizzi.

II. Rikors (motivat tajjeb) fil-qorti kompetenti f'isem AB li bih huwa jitlob it-tibdil tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ma laqgħetx ir-rikors tiegħu, magħmul kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, u li fih huwa kien talab li l-Qorti Inferjuri tordna lill-istess Kummissarju jipproċedi kriminalment kontra CD (AB, permezz ta' kwerela, kien talab li jittieħdu passi kontra CD li allegatament seraq il-karozza ta' AB).

III. Rikors fil-qorti kompetenti sabiex jiġi maħtur tutur għal minuri ta' tnax-il sena li l-ġenituri tiegħu it-tnejn mietu f'inċident awtomobilistiku mingħajr ma għamlu testment.

IV. Rikors f'isem il-klijenta tiegħek sabiex digriet tal-Pontefiċi Ruman *super matrimonio rato et non consummato* jiġi reġistrat għall-finijiet u effetti kollha ċivili mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

V. Risposta għal appell u appell inċidentali – l-appellant (CD) qiegħed jappella minn sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li sabet lill-klijent tiegħek (li kien impjega lill-appellant biex jaħdem miegħu fuq sit fejn qed jinbnew appartamenti) responsabbli għal danni li sofra CD għax dan ma kienx ġie provvdut b'*safety equipment* meħtieġ, u llikwidat id-danni fis-somma ta' disat elef lira (Lm9,000). CD qed jgħid li din is-somma għandha tkun ferm ogħla minn hekk.

VI. Rikors, motivat tajjeb, għar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni maħruġ mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba ta' AB kontra l-klijent tiegħek CD – fejn AB qed jallega li l-klijent tiegħek qiegħed jibni fuq proprjeta` tiegħu, cioe` ta' AB – u għall-ħlas ta' penali.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

1. Inti gejt inkarigat mill-Qorti Kriminali biex tiddefendi ragel akkuzat li kkorrompa persuna taht l-eta`. Fl-ewwel inkontru mal-klient tieghek huwa jammetti mieghek li ghamel atti ta' libidini fuq il-persuna tal-minuri (li ghandha biss ghaxar snin), pero` jghidlek ukoll li ma jridx jammetti l-akkuza u li bi hsiebu jitla' jixhed u jghid li l-minuri qed tigdeb fir-rigward tieghu. Kif ghandek iggib ruhhek bhala avukat, kemm qabel il-guri kif ukoll waqt il-guri, fir-rigward tal-klient u ta' dak li qallek li jrid jaghmel, kif ukoll fir-rigward tal-minuri meta din tiehu l-pedana tax-xiehda? U b'mod partikolari fisser il-linja jew linji difensjonali li tkun etikament gustifikat li tipproponi.

2. X'ghandu jaghmel avukat malli: (a) jissuspetta li l-klient, li gie kemm-il darba ghal pariri ghandu, qed juza s-servizzi tieghu (inkluzi l-pariri li qed jircievi) ghal attivita` li tista' tkun kriminali, u (b) jinduna li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawza jew f'inkarigu partkolari?

3. AB jinfurmak li huwa ghandu kawza pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn qed jigi patrocinat mill-avukat XY. Huwa jallega li XY mhux biss mhux qed ihares sew l-interessi tieghu izda li sahansitra dawwar bi profitt ghalih somma ta' flus li l-istess AB kien fdalu biex jghaddiha lil terza persuna. AB jixtieqek tibda tippatrocinah u jrid ukoll li jittiehdu passi kontra XY. Fisser il-passi li inti ghandek tiehu f'dan il-kaz skond l-etika professjonali.